A.L. 135 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-*Swimming Pools*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 (iv) ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-*Swimming Pools,* u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar is-*Swimming Pools*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 129 ta' l-2005.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-test Malti tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "(Sigurtà għas-Saħħa Pubblika)" għandhom jitħassru.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "persuna responsabbli" għandu jidħol dan li ġej:

"persuna responsabbli" tfisser dik il-persuna li tkun responsabbli għas-*swimming pool* u tinkludi, meta dik il-persuna ma tkunx preżenti, lil dak l-impjegat jew lil dik il-persuna oħra, li tkun l-impjegat anzjan jew il-persuna preżenti, li jkollha l-inkarigu li tieħu ħsieb is-*swimming pool* f'dak il-mument; dak l-impjegat anzjan jew dik il-persuna għandhom jitqiesu bħala li jkunu qegħdin jaġixxu bl-awtorità tal-persuna li tkun responsabbli kemm-il darba l-persuna responsabbli ma ġġibx prova kuntrarja;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "kontinwament;" għandhom jidħlu l-kliem "kontinwament:", u minnufih warajhom għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ ta' *swimming pools* li jintużaw għal finijiet ta' idroterapija, it-temperatura ta' l-ilma fis-*swimming pool* għandha

tkun bejn 28° Ċ u 35° Ċ, filwaqt li fil-każ ta' *spa pools* it-temperatura ta' l-ilma m'għandhiex tkun ta' iżjed minn 40° Ċ;".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok il-paragrafu (d) tas-subregolament (4) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(d) It-tojlit, is-sink għall-ħasil ta' l-idejn u d-doċċa għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija u l-għadd tagħhom għandu jkun daqstant li jkun jiflaħ għall-għadd ta' persuni li jkunu qegħdin jgħumu fih."

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok is-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta *swimming pool* ma tkunx konformi mal-ħtiġiet stipulati b'dawn ir-regolamenti, jew meta tkun teżisti xi kundizzjoni li tista' tkun ta' riskju għas-saħħa pubblika jew ta' inkonvenjent għas-saħħa ta' l-għawwiema jew ta' l-utenti tas-*swimming pool*, l-awtorità kompetenti għandha tordna li s-*swimming pool* jiġi magħluq."

Jenumera mill-ġdid ir-regolamenti 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolamenti 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 12 u 13 rispettivament.

Iżid ir-regolament 11 mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Meta r-regolamenti 3 sa 9 ma jkunux japplikaw.

11. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3 sa 9 ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx ikunu japplikaw għal *swimming pools* li la huma pubbliċi lanqas kummerċjali.

(2) Il-persuna responsabbli jkollha dmir li:

(a) iġġib provi għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li s-*swimming pool* la jkun wieħed pubbliku lanqas kummerċjali;

(b) tiżgura li s-*swimming pool* jinżamm fi stat li ma joħloq ebda riskju għas-saħħa pubblika."